**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 13 – IT-TLIETA, 14 TA' LULJU 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 12**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Stefan Bonello Ghio ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

2.1 Iċ-Chairperson tkellem fuq il-laqgħa li saret mal-Assistent Kummissarju Martin Sammut fuq il-problema ta' parkeġġ illegali li qed ikun hemm fi Triq Antonio Schembri. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Alfred Mangion u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Sammut spjega li hu jaf bil-problemi li hemm peress li serva ta' Supretendent fl-għassa ta' San Ġiljan. Hu spjega l-policy prezenti hi li jintbaghtu pulizija mal-iskejjel primarji tal-Gvern biss. Minkejja li r-riżorsi huma limitati, is-Sur Sammut ser jassenja pulizija meta jkun possibbli. Il-Kumitat tkellem fuq din is-sitwazzjoni u ġie deċiż li tintalab laqgħa mas-Sur Raymond Zammit li huwa l-Kap għall-aġenzija li ser tamministra s-servizzi tal-wardens.

2.2 Kien hemm diskussjoni fuq il-Locality Maps li għandhom isiru fil-Kappara. Ġie innutat li l-Kumitat għadu ma rceviex kopja tal-mappa li għandha tiġi fuq dawn. Għandha tintbagħat reminder.

**3 Affarjiet oħra**

3.1 Is-Sur Alfred Mangion tkellem fuq dawn li ġej:

3.1.1 Marki ġodda tal-parkeġġ fi Triq il-Pitiross u Triq il-Fjamma.

3.1.2 Ix-xogħol fil-ġnien għadu ma bediex. Għandha ssir reminder lill-kuntrattur.

3.1.3 Wires imdendlin fi Triq ir-Russett.

3.1.4 Staqsa rigward l-ittra lil Coral Appt. fejn qed joħorġu l-borża tar-rubbish f'kull ħin tal-gurnata. Din intbagħtet.

3.1.5 Id-dawl taz-zebra crossing ta' Triq Birkirkara mhux qed jixgħel.

3.1.6 L-applikazzjoni għall-bozoz ġodda fi Triq il-Ġojjin u Triq il-Huttaf.

3.1.7 Il-knis fit-toroq Birkirkara u Ħida mhux sodisfaċenti. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-knis qabel il-laqgħa li jmiss.

3.1.8 Għandu jsir tindif extra fi Triq Birkirkara bl-ilma minħabba t-trab li hemm.

3.1.9 Staqsa jekk inhargitx il-PO tal-Bankini ta' Triq ir-Rundun. Gie infurmat li harget il-PO fit-8 ta' Lulju.

3.2 Il-Kumitat innota li l-Kunsillier Dominic Cassar ma kienx preżenti minkejja li kien mitlub li jkun.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 11 ta' Awwissu 2015 fis-6.00pm.

______________________

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

______________________

**Stefan Bonello Ghio**
**Chairman**